# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 10 ta' Settembru 2001**

**Avviz. numru 10/98**

**Numru 32**

**R. von Brockdorff Insurance Agency Limited, in rappresentanza tas-socjeta' estera Commercial Union Assurance Company plc surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Joseph Micallef u l-istess Joseph Micallef u b'nota tat-22 ta' Marzu 1999 is-socjeta Atlas Insurance Agency Ltd bhala agenti Malta tas-socjeta estera Guardian Royal Exchange Assurance plc cessjonarja tad-drittijiet tas-socjeta estera Commercial Union Assurance Company plc surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Joseph Micallef qed tassumi fil-vesti tal-attur fil-kwalita taghha premessa l-atti tal-kawza fl-ismijiet premessi minflok is-socjeta R.von Brockdorff Insurance Agency Limited.**

**vs**

**Joseph Calleja**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici nomine et talbet sabiex l-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-atturi s-somma komplessiva ta' mija sebgha u sebghin lira tmienja u hamsin

centezmu (Lm177.58c) (Lm152.58c lis-socjeta' attrici R. von Brockdorff Insurance Agency Limited noe u Lm25 lill-attur Joseph Micallef) in linea ta' danni mill-konvenut kagunati u minnhom subiti in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara f'Attard fil-21 ta' Mejju 1997 meta waqt li l-konvenut kien regga' lura l-vettura Nru EAC 075 habat mal-vettura Nru H-2020 propjeta' tal-attur Joseph Micallef u misjuqa minn Catherine Caruana, prevja d-dikjarazzjoni li ghal dan l-incident il-konvenut kien unikament responsabli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tat-22 ta' Awissu 1997, dawk tal-ittra ufficjali tal-24 ta' Novembru 1997, u dawk tal-ittra ufficjali presentata mal-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri, u bl-imghax legali mill-4 ta' Novembru 1997, kontra l-konvenut li gie  ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (a fol 6 tal-atti) li biha eccepixxa illi t-talbiet attrici kif dedotti fl-avviz prezenti ghandhom jigu respinti fil-konfront ta' l-eccipjenti, stante illi l-incident de quo sehh minghajr ebda tort imputabbli lill-eccipjenti, izda sehh unikament minhabba traskuragni, negligenza, imperizja jew nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' Catherine Caruana, li kienet qed

issuq il-vettura proprjeta' ta' l-attur Joseph Micallef, kif jista' jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat n-nota a fol 25 tal-atti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, dwar id-dinamika tal-incident in esami, Catherine Caruana (fol 18 et seq tal-istess atti) xehdet li hi kienet qed issuq il-karozza tal-marka Mazda numru H-2020, propjeta ta' missierha l-attur Joseph Micallef, minn Triq l-Andar, f'Misrah Kola gewwa Casal Attard, meta, quddiemha rat karozza li kienet wieqfa quddiem 'drive in'.  Ghalhekk hi waqfet sabiex tistenna li l-istess karozza tibda timxi l-quddiem.  Pero din indjetreggat  ('irriversjat') u avolja hi daqqet il-'horn' il-vettura l-ohra kompliet gejja lura sakemm habtet mal-karozza tax-xhud fuq in-naha tax-xellug fuq  quddiem ossja dik tal-passiggier. Ix-xhud kompliet tispjega li qabel l-incident hi kienet ipparkeggata fuq in-naha tal-lemin tat-triq. Wara li saqet minn hawn, hi baqghet miexja ghal ftit u imbaghad waqfet, kif di gja spjegat.

Ikkunsidrat

Illi, presenti ghal incident izda gewwa karozza ohra fuq in-naha tal-lemin tat-triq kien hemm Duncan Bonnici (fol 29) li spjega li l-incident in esami gara ma genbu. Minn hawn hu kien ra, kwazi simultaneament, il-karozza ta' Joseph Calleja wieqfa izda, sussegwentement tigi indjetreggata minhabba karozza ohra li kienet qed tiddahhal, jew b'quddiem jew b'lura, kif wkoll dik misjuqa minn Catherine Caruana tieqaf wara dik tal-konvenut oltre li issir il-habta billi l-vettura tal-konvenut tinsaq b'lura u tahbat ma dik tal-istess Catherine Caruana li kienet ilha wieqfa ftit tal-hin biss. Dan ix-xhud issottolinea ukoll li hu kien sema il-'horn' tal-vettura ta' Catherine Caruana jindaqq qabel il-habta.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 45 et seq ibid) li kien qed jsuq il-vettura 'Cortina Mark 4' numru EAC 075 mill-istess triq, xehed li hu kien ra karozza quddiemu li waqfet sabiex tinsaq b'lura u tidhol f''drive in' fuq in-naha tax-xellug. Ghalhekk 'kif rajtha gejja fuqi bir-reverse, jiena harist fil-mera (ta' gewwa tan-nofs) u ma rajt lil hadd gej minn warajja. Fil-fatt dahhaltha reverse, harist lura (anke fuq spalltu tax-xellug lejn wara) u ma kien hemm hadd'. Pero kif indjetregga tul ta' karozza, gara dan l-incident. Hawnhekk il-

konvenut qal li wara l-habta, l-karozza li dahal fiha, kienet angolata mieghu 'qiesu 45 degrees mal-bankina' ossija 'skuntrata'.

Ikkunsidrat

Illi mill-premess ghandu jinghad minnufih li l-konvenut ma jidhirx li gie rinfaccat b'xi emergenza subitanea kawzata mill-manuvra li kien qed jaghmel is-sewwieq anonimu tal-vettura li kienet qed tiddahhal fid-'drive in' imsemmija, Difatti jidher li kellu hin bizzejjed sabiex jhares mill-mera interna kif ukoll lura minn fuq spalltu tax-xellug sabiex jara jekk kienux gejjin vetturi ohra minn warajh oltre li jingrana l-vettura tieghu sabiex jindjetreggaha.

Illi, dan premess, mill-analisi tal-provi prodotti, jidher li l-kawza immedjata ta' dan l-incident kienet in nuqqas da parti tal-konvenut li jaccerta ruhu, qabel ma jaghmel il-manuvra deskritta, li warajh ma kienx hemm vetturi ohrajn kif filfatt kien hemm. In rigward Catherine Caruana, ma jidhirx li din ikkontribwit, b'xi mod, ghall-akkadut. Ghalhekk il-konvenut ghandu jigi ritenut responsabbli ghal dan l-incident ghar-ragunijiet premessi.

Ikkunsidrat

Illi ma saret ebda kontestazzjoni in rigward l-ammont ta’ danni pretizi (ara fol 36 tal-atti).

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa t-talbiet attrici u;

1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident in esami minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut;

2. tillikwida l-ammont ta’ danni fis-somma ta’ Lm177.58,0 u;

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici nomine is-somma ta’ Lm152.58,0 u lill-attur Joseph Micallef is-somma ta’ Lm25 bl-imghax legali mill-24 ta’ Novembru 1997 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-22 ta’ Awissu 1997, ta’ dik ufficjali tal-24 ta’ Novembru 1997 u l-ohra ufficjali tas-7 ta’ Jannar 1998, imsemmija fl-avviz.

Alan Calleja
Dep.Reg